**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Antonello Grech)**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs.**

**Franky Cini**

Numru: 29/2007

Illum 27 ta' Settembru 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Franky Cini,** ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Victor u Maria Stella nee' Vella, imwieled Rabat, Ghawdex fl-1 ta' April 1981, residenti fil-fond 'Redentur', Triq Zaqi, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10681(G), akkuzat talli fil-25 ta' Lulju 2005, ghall-habta tal-9:50a.m. fi Triq Zaqi, Zebbug, Ghawdex bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti

esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta diversi daqqiet ta' arma bil-ponta (turnavit) fuq il-persuna ta' Joseph Portelli, u liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-imsemmi Joseph Portelli;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, xi hin filghodu fl-istess data, gewwa z-Zebbug, Ghawdex, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-vettura numru ta' registrazzjoni ELX999 ghad-dannu ta' Lynette Antonia Portelli liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 izda ma tiskorrix il-Lm500;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, bla hsara ghal kull disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali applikabbli ghall-uzu tal-armi tan-nar, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, fil-hin li ghamel id-delitt kontra l-imsemmi Joseph Portelli;

U aktar talli fl-istess data u fix-xhur ta' qabel, f'Ghawdex kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 318) datata 14 ta' Gunju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat Franky Cini biex jigi ggudikat

minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a. fl-Artikoli 41(1)(a), 214 u 216 (a)(i)(ii)(iii)(b)(c), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. fl-Artikoli 214, 221(1)(2) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. fl-Artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. fl- Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 397 u 398), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Gunju 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat li fin-nota tal-Avukat Generali m'hemmx imnizzla Artikoli marbuta mal-pussess tal-arma tan-nar u ghalhekk ir-raba' u l-hames akkuza li originarjament kien mixli bihom l-imputat twaqqghu u l-ewwel akkuza ma baqghetx tinkludi "*bil-hsieb li joqtlu jew li u jqieghed il-hajja f'perikolu car*".

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim Imhallef bl-ewwel seduta preseduta minn din il-Qorti saret fit-8 ta' Lulju 2017.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, *parte civile* u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi fl-14 ta' Lulju 2017, il-parte civile pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub *(a fol.* 625 *et seq.)*

Rat illi d-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fil-25 ta' Awwissu 2017 (*a fol.* 651 *et seq*.)

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri huma marbuta ma' incident li sehh fil-25 ta' Lulju 2005, tnax-il sena ilu. Fi tnejn u tletin (32) seduta biss sehh progress hafna drabi qari ta' rinviji tal-Avukat Generali. F'sittax (16)-il darba l-kaz kien diferit ghax l-Ufficjali Prosekuturi kienu impenjati xoghol Malta. Il-kawza kienet differita sbatax (17)-il darba minhabba jew nuqqas ta' dehra tal-imputat jew minhabba talbiet ta' diferiment. Imbaghad kien hemm ghaxar (10) seduti li ma sarux ghaliex jew habtu f'Awwissu, jew f'Hamis ix-Xirka jew fil-

granet tal-Milied. Kien hemm erba' (4) seduti gew diferiti sakemm il-kawza kienet assenjata ghand Magistrat iehor (dan il-kaz instema' minn tliet Magistrati differenti) u darba s-seduta thassret b'sinjal ta' luttu kif kien jixraq li jsir ghal mewt ta' avukat zaghzugh. Hames (5) seduti kienu differiti minhabba ragunijiet ta' indispozizzjoni. **<u>Fi tlieta u hamsin (53) seduta ma sar xejn</u>**.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni ... din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015:

*Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviżà biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien ... Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

---

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem **O'NEILL AND LAUCHLAN v. THE UNITED KINGDOM**[2] deciz fit-28 ta' Gunju 2016 fejn intqal hekk dwar dewmien:

> *Although the Court has accepted that the applicants' own actions greatly contributed to that delay, in view of the need for diligence triggered by the significant lapses of time both between the commission of the offence and the laying of charges, and between the laying of charges and the applicants' conviction becoming final, the Court considers that the overall length of the proceedings (almost nine years in respect of the first applicant, and just over nine years and two months for the second applicant – see paragraphs 16, 46 and 90 above) was excessive and failed to meet the reasonable-time requirement.*
>
> *97. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1.*

**Il-Qorti ma taqbel assolutament xejn mal-prassi li kienet qeghda tkun operata fil-Qorti t'Ghawdex fejn kawzi li jkun hemm persuni akkuzati dwar l-istess incident fi proceduri separati jinstemghu flimkien. Il-Qorti tifhem li dan kien isir biex ma jintilifx zmien u x-xhieda tidhol f'aktar minn process wiehed. F'dan il-kaz inholqot konfuzzjoni shiha ghaliex ghalkemm l-akkuzi migjuba kontra l-imputat huma marbuta mal-istess incident li fih hemm mixli Joseph Portelli, il-proceduri kontra**

[2] *Applications nos. 41516/10 and 75702/13*

**Portelli nbdew qabel u ghalkemm il-kawzi kienu qeghdin jinstemghu fl-istess seduta, ix-xhieda ma kinetx qeghda tkun inserita fiz-zewg processi. Il-kawzi baqghu jinstemghu fl-istess gurnata biex l-avukati tad-difiza u l-*parte civile* li huma l-istess avukati ma joqghodux jinqalghu minn Malta lejn Ghawdex f'zewg granet differenti. Kieku dan il-kaz sehh f'Malta iz-zewg kawzi kienu jkunu assenjati lil Magistrati differenti wara li ssir il-polza bejn il-Magistrati kollha. Din il-Qorti sabet f'Ghawdex kawzi tad-distrett marbuta ma' kazijiet ta' entita' akbar li flok kienu decizi immedjatament kienu decizi snin wara minhabba din il-procedura li lic-cittadin tiswielu granet ghal xejn il-Qorti u spejjez bla bzonn ghaliex min jippatronizza lill-imputat ma jaghmilx dan bhala karita' imma jkun hemm il-hlas ghas-servizz.**

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Preliminari

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-

imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħa jew li

trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u

tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kien seħħ inċident iż-Żebbuġ Għawdex, fi Triq Żaki ż-Żebbug. F'dan l-incident l-imputat Franky Cini ntlaqat minn tiri ta' arma tan-nar, ittieħed l-isptar u kien fil-periklu tal-mewt. Kien hemm persuna oħra, il-*parte civile* Joseph Portelli. Kien ittieħed l-isptar ukoll jiġi medikat ghall-griehi li kellu. L-incident jidher li kellu l-bidu tieghu meta l-imputat Cini waqt li kien ghaddej bil-vettura tieghu hakk mal-vettura ta' bint l-imputat.

**XHIEDA**

F'dawn il-proceduri xehdu 29 xhud u 10 xhieda li t-traskrizzjoni tax-xhieda li taw fil-kaz il-**Pulizija vs Joseph Portelli** gew inseriti f'dan il-process, b'kollox 39 xhud.

*Joseph Portelli (a* fol. *44), Rosaline Cefai (a* fol. *45), Lynette Portelli (a* fol. *46 et seq.), Rita Portelli (a* fol. *49 et seq.), il-Perit Guido Vella (a* fol. *56 et seq.), PS 73 Josef Camilleri (a* fol. *68), Dr. Nathalie Gatt Ellis (a* fol. *69 et seq.), SM 187 Mario Cassar (a* fol. *81), il-Brigadier Maurice Calleja u PC560 Joseph Farrugia (a* fol. *87), PS881 Charles Grech (a* fol. *99), PS 659 Jeffrey Hughes (a* fol. *106), Max Xuereb (a* fol. *113), PS 914 Ivan Mifsud (a* fol. *119 et seq.), Joseph Caruana (a* fol. *122), AIC Guido Vella (a* fol. *124), Spizjar Mario Mifsud (a* fol. *133), Spizjar Mario Mifsud (a* fol. *145), PS 186 Christian Mintoff u PS 644 Eman Camilleri (a* fol. *156), is-Supretendent Antonello Grech (a* fol. *212 et seq.), Dr. Antonin Pechar (a* fol. *224 et seq.), Dr. Marlene Attard (a* fol. *227 et seq.), Max Xuereb (a*

fol. *251), l-Ispettur Chris Pullicino (a* fol. *276 et seq.), Anton Mizzi (a* fol. *300 et seq.), Dr. Mario Scerri M.D. (a* fol. *389 et seq.), Joseph Portelli (a* fol. *399 et seq.), l-imputat Franky Cini (a* fol. *596 et seq.) u Saviour Farrugia (a* fol. *621).*

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 id-difiza talbet li f'dawn il-proceduri jigu nseriti x-xhieda moghtija fil-kawza "Il-**Pulizija vs Joseph Portelli**" sabiex dawn jifformaw parti integrali mill-atti tal-proceduri odjerni u l-Qorti wara li rat li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex oggezzjoni laqghet it-talba tad-difiza u ordnat li tali xhieda tigi inserita fl-atti odjerni. U cioe':

i) Ix-xhieda ta' Joe Caruana li nghatat fl-4 ta' Awwissu 2005;
ii) L-atti tal-Inkjesta;
iii) Ix-xhieda ta' PS 187 Mario Cassar li nghatat fl-04 ta' Awwissu 2005;
iv) Ix-xhieda ta' Stella Cini li nghatat fid-9 ta' Awwissu 2005;
v) Ix-xhieda ta' Josef Cefai li nghatat fl-4 ta' Awwissu 2005;
vi) Ix-xhieda ta' Dr. Nathalie Ellis li nghatat fl-4 ta' Awwissu 2005;
vii) L-istatement ta' Franky Cini li kien market dok AG;

Il-Qorti ordnat ukoll li t-traskrizzjoni tax-xhieda li nghatat fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Joseph Portelli**" tigi nserita fil-kawza odjerna. F'din is-seduta tas-26 ta' Jannar 2017 xehdu:

i) WPC 193 Diane Cilia;

ii) Ex-PC 1376 Martin Muscat;

iii) Saviour Farrugia;

U fl-20 ta' April 2017 id-difiza talbet lill-Qorti li jigu prezentati fl-atti ta' dan il-process ix-xhieda ta' Joseph Caruana li nghatat fil-kawza fl-ismijiet "Il-**Pulizija vs Joseph Portelli**" (24/2005) fis-26 ta' Frar 2009 u x-xhieda tal-Brigadier Maurice Calleja li nghatat fid-9 ta' Awwissu 2005. U l-Qorti laqghet din it-talba.

**Traskrizzjonijiet ta' xhieda li nghatat fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Portelli" (Kawza Nru. 24/2005[3]) inseriti f'dan il-process:**

*Joe Caruana (a* fol. *432 et seq.), PS 187 Mario Cassar (a* fol. *562 et seq.), Stella Cini (a* fol. *565 et seq.), Josef Cefai (a* fol. *568 et seq.), Dr. Nathalie Gatt Ellis (a* fol. *570 et seq.), WPC 193 Diane Cilia (a* fol. *575 et seq.), Ex-PC 1376 Martin Muscat (a* fol. *577 et seq.), Saviour Farrugia (a* fol. *579 et seq.), Joe Caruana (a* fol. *590 et seq.)*[4]*, il-Brigadier Maurice Calleja (a* fol. *592)*[5]*;*

Is-**Supretendent Antonello Grech**[6], xehed li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) kien seħħ inċident iż-Żebbuġ Għawdex, fi Triq Żaki ż-Żebbug u li kien hemm persuna Franky Cini li ntlaqtet minn tiri ta' arma tan-nar li kienet ittieħdet l-

[3] Gew inseriti fil-kawza odjerna b'digriet ta' 26 ta' Jannar 2017
[4] Gew inseriti fil-kawza odjerna b'digriet ta' 20 ta' April 2017
[5] Ibid.
[6] Seduta tal-Ħamis, 18 ta' Frar 2010

isptar u kienet fil-periklu tal-mewt. Kien hemm persuna oħra, ċertu Joseph Portelli. Kien ittieħed l-isptar ukoll jiġi medikat. Minn investigazzjoni preliminari li kien għamel irrizulta li kien hemm kwistjoni bejn Franky Cini u Joseph Portelli. Il-kwistjonijiet kienu ilhom għaddejjin bejn il-familji xi żmien. Kien hemm argument bejniethom u f'ħin minnhom kienet intużat arma tan-nar, pistola, u li Franky Cini kien intlaqat b'xi tiri ta' din l-arma tan-nar f'żaqqu u aktar tard kien ittieħed Malta għal aktar kura.

Ix-xhud spjega li l-investigazzjonijiet tkomplew mill-Ispettur Chris Pullicino tad-Dipartiment tal-istharrig Kriminali u rriżultalhom li kien hemm verżjoni fejn Joseph Portelli kien qed jgħid li Cini kien inqabad jobrox il-karozza tat-tifla tiegħu u kien ħareġ u għalhekk kien seħħ l-argument. Portelli qal li Cini kien mar iġib pistola, iġġieled miegħu u fix-*shuffle* l-pistola ħadet u laqtet lil Cini. Sussegwentement Joseph Portelli kien akkużat b'attentat ta' qtil ta' Franky Cini.

Ix-xhud kompla jispjega li wara xi żmien Franky Cini ma kienx baqa' aktar fil-periklu tal-mewt. Meta ħareġ mill-isptar kienu baghtu ghalih u qailhom li kellhom dan l-argument, però min-naħa tiegħu kien qed jgħid li Portelli ħareġ u kellu l-arma fil-karozza u sparalu biha waqt dan l-argument. Irrizulta li Joseph Portelli kellu xi ġrieħi kompatibbli ma' daqqiet ta' xi turnavit jew ta' xi ħaġa u kienu ressqu wkoll lil Franky Cini b'attentat ta' qtil.

**<u>L-Ispettur Christopher Pullicino</u>**[7] xehed li l-pulizija marru fuq il-post u bdew l-investigazzjonijiet tagħhom hemmhekk fejn irriżulta li ż-żewġ persuni prinċipalment involuti f'din il-ġlieda kienu Franky Cini u Joseph Portelli. Ix-xhud spjega li fil-kors tal-investigazzjoni waqt li kienu għadhom fuq il-post, ġiet elevata arma żgħira – pistola – mir-residenza ta' Rosalie Cefai li toqgħod Triq Skappuċċina, u tiġi mill-istess Franky Cini. Maria Stella Cini kienet qalet li waqt il-ġlieda waqt li Franky Cini u Portelli kienu qed jagħtu u Portelli spara l-arma, irnexxiela tissara miegħu wara li laqat lit-tifel tagħha biha, ħadithielu minn idu, marret hemmhekk ħbietha taħt it-tapit sakemm waslu l-pulizija u eventwalment wara li ġiet mitkellma għaddithielhom sabiex isiru l-investigazzjonijiet min-naħa tagħhom.

Ix-xhud spjega li dakinhar Joseph Portelli waqt li kien l-isptar kulma għamel statement qasir ħafna, fejn kien spjega illi, qal, "f'daqqa waħda ġie jiffaċċjani Franky Cini b'arma tan-nar, ħadthielu, irnexxieli nissara miegħu, ħadthielu u sparajtlu darbtejn." Kien qalilhom ukoll li Cini lilu kien aggredih b'turnavit.

Waqt li kienu l-isptar Dottor Antonin Pechar kien għaddielu żewġ bullets li kienu ġo container żgħir tal-plastik u liema bullets skont Dottor Pechar kienu tneħħew minn ġol-persuna ta' Franky Cini wara li kien ġie operat.

[7] Seduta tad-19 ta' April 2012

Ix-xhud spjega li meta regghu kellmuh il-pulizija Joseph Portelli dahal aktar fid-dettal. Hu kien spjega li Franky Cini kien il-kuġin tal-mara tiegħu, ta' Rita Portelli, u kienu joqgħodu bieb ma' bieb fi Triq Żaki, iż-Żebbuġ. Huwa qal li dakinhar tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju elfejn u ħamsa (2005) għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (~10.00 a.m.) kienet ċemplitlu t-tifla tiegħu Lynette fuq il-mobile fejn infurmatu illi Cini, waqt li kienet fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, iż-Żebbuġ, kien laqtilha l-karozza tagħha bit-trakk tiegħu. Portelli kien qal lit-tifla biex iċċempel lill-pulizija u kien qallha wkoll li dalwaqt se jkun fuq il-post. Ftit wara mar fuq il-post fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri u Franky Cini, kien diġà telaq minn hemmhekk. Portelli għalhekk telaq lejn id-dar u t-tifla tiegħu saqet warajh. Portelli dak il-ħin kien b'vann Escort registration number FBG 872, filwaqt li Cini kien qed isuq it-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni FBJ 245. Portelli mar fejn id-dar, ra t-trakk ta' Cini pparkjat maġenb ir-residenza tiegħu, saq ftit 'il quddiem, qabeż it-trakk u saq ftit 'il quddiem u waqqaf fin-nofs u niżel sabiex ikellem lil Cini. Skont hu, Cini baqa' jinsisti li hu ma laqatlux il-vettura u qal dan il-kliem: "kif tgħid li mhux int!? It-tifla waqqfitek biex tneħħi l-karozza ħalli tkun tista' tgħaddi u xorta grifthielha u bqajt sejjer!"

Bażikament minn dak il-ħin l-argument eskala, ġiet xi vettura li riedet tgħaddi u minħabba, skont Portelli, ma setgħetx tgħaddi minħabba l-vann tiegħu stess li kien f'nofs ta' triq u mar għal ġol-vann sabiex isuq min-nofs u jipparkja fil-ġenb. Portelli fl-istqarrija jghid, li x'ħin mar għal ġol-vann tiegħu sabiex isuq il-vettura tiegħu

min-nofs, Cini ġie minn ġot-trakk tiegħu, ġie f'naħa waħda kellu turnavit u fl-id l-oħra kellu xi ħaġa, dak li dak il-ħin Portelli deherlu li kienet xi ħaġa sewda.

*Cini beda jagħti bit-turnavit lil Portelli waqt li kien ġol-vann l-Escort u hu beda jissara u xi ħin ħadu dan l-oġġett minn idu li sa dan il-ħin kien għadu ma jafx x'inhu. F'dan il-ħin Cini rnexxielu jiġbed lil Portelli 'l barra mill-vettura tiegħu u f'dan il-ħin Portelli, skont Portelli stess nerġa' ngħid, irrealizza illi kien hemm oġġett ieħor li kien f'idejn Cini din id-darba li ma kienx sempliċement xi ħaġa sewda iżda dan il-ħin induna li kienet arma tan-nar. Huwa qal li baqgħu jissaraw bl-idejn, waqgħu t-tnejn mal-art, ħin minnhom inqalgħet biċċa ħadida mill-arma u ġabarha Cini, Cini reġa' ħadlu l-arma minn idu, irnexxielu jsewwi din il-ħadida jgħaqqadha mal-arma jerġa', imbagħad reġgħu ssaraw u reġa' ħadhielu lura. Qal li f'dan il-ħin beda jħossu għajjien ħafna, Portelli, qabad u ġibed il-grillu. Imbagħad it-tnejn waqgħu fuq xulxin mal-art. Portelli qal ukoll illi dak il-ħin tilef daqshekk il-eh, speċi storda, però jaf li fil-background beda jisma' lil omm Franky Cini tgħid, "Oqtlu Franky, oqtlu!" u lil mara tiegħu tgħid, "Erħilu Frank, erħilu għax qtiltu."*

[...]

*Fil-crime scene partikolarment kont osservajt ukoll illi kien hemm żewġ spent cartridges mal-art fit-triq kif ukoll holster ta' arma li kienet instabet fil-karozza ta' Joseph Portelli. Din il-holster kienet ta' kulur iswed.*

Franky Cini kien spjega illi huwa dakinhar tal-inċident kien qed ibiegħ il-ħaxix fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri bil-vann tiegħu ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex, u waqt li kien qed isuq il-vann, laqat il-vettura tat-tifla ta' Portelli. Qal li fil-fatt dak il-ħin osserva li kellha

xi ħsarat zgħar. Fil-vettura dak il-ħin li laqat din il-vettura kien hemm omm Lynette, li tiġi l-mara ta' Joseph Portelli, kif ukoll Lynette nnifisha, li bdew jgħajtu t-tnejn li huma ma' Franky Cini għax kien laqtilhom il-vettura.

*Spjega ukoll illi dak il-ħin Rita, il-mara ta' Joseph, qaltlu illi hija kienet ser iċċempel lir-raġel u kien ser joqtlu. Cini qal li dak il-ħin allura ħasibha li kien ikun aħjar illi qabad startja t-trakk, saq minn hemm, kompla jdur il-klijenti u ħalla l-affari tikkwieta waħidha. Fil-fatt huwa spjega li waqaf xi tlieta jew erba' darbiet oħra f'toroq differenti sabiex iservi lill-klijenti, imbagħad wara saq lejn id-dar t'ommu. Kif wasal hemmhekk u kien għadu ġewwa t-trakk tiegħu, għadda minn miegħu Portelli bil-vann Escort u għalaqlu t-triq quddiemu. Portelli ġie minn ġol-vann tiegħu għal fejn il-vann ta' Cini, man-naħa tad-driver, u mill-ġdid dan beda jargumenta miegħu għax laqatlu l-karozza tat-tifla. Cini qallu dak il-ħin, qallu, "jien diġà għidtilha lit-tifla speċi eħe jien ilqattilha l-karozza però lest li nagħmel tajjeb għall-ħsara li għamiltilha u ma kienx hemm raġuni għalfejn inkabbru dawn l-affarijiet."*

*Imma skont Cini dak il-ħin Portelli kien għadu rrabjat, deherlu li għandu jibqa' jgħajjat u saħansitra beda jheddu illi ħa jmur iġib arma u jisparalu. Fil-fatt f'dan il-punt skont Cini, Portelli telaq għal ġol-vann tiegħu u minn taħt is-seat tad-driver ġab pistola, ġab arma, ġab arma żgħira jgħid Cini.*

*Cini meta raħ sejjer għal ġol-vann niżel mit-trakk tiegħu u mar jipprova jżommu lil Portelli u eventwalment il-ġlieda bdiet fejn il-vann ta' Portelli. Cini spjega li ħin minnhom imbagħad ġew hu fuq in-naħa ta' wara ta' Portelli u qed iżommu minn idu però spjega li hemmhekk Portelli rnexxielu jdawwar idu u minn wara rnexxielu jtih żewġ tiri konsekuttivi. Wara li ġew sparati dawn it-tiri Cini fil-fatt spjega ukoll li ommu rnexxielha tieħu din l-arma minn idejn Portelli u Portelli beda jgħajjat magħha sabiex ittihielu lura.*

*Fil-fatt irrifjutat li ttihielu u kienet ħadet din l-arma u ħbietha x'imkien sa ma waslu l-pulizija fuq il-post.*

Franky Cini kien innega li qatt kellu xi turnavit f'idu u innega li hu qatt ta xi daqqiet lil Portelli b'xi arma ta' dan it-tip. Huwa kien spjega ukoll illi Portelli kien ilu bl-inkwiet mal-familja tagħhom minħabba xi problemi ta' wirt u proprjetà li kien hemm bejn il-familjari.

Ix-xhud kien kontro ezaminat fl-istess seduta.

*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante</u>:*
*Meta mort fuq ix-xena tad-delitt – sewwa? – inti sibt, qed tgħid li eżaminajt il-vann ta' Portelli u sibt cover ta' – tista' tispjega ta' xhiex kienet u x'għamilt biha? Jekk, għaddejtha lil tal-Forensika?*
*<u>Ix-xhud</u>:*
*Kien hemm holster, dak li dehrli li hu holster ta' arma tan-nar ta' kulur skur, żgur, jidhirli li iswed, li kien qiegħed ġol-vann ta' Portelli u ġie elevat mis-SOCO.*
*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante</u>:*
*Ok. Ma tafx jekk ġie mqabbel mal-arma?*
*<u>Ix-xhud</u>:*
*Ma nafx, le.*
*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante</u>:*
*Ok, ok. U taf fejn sibtu? Tiftakar fejn sibtu fil-vann?*
*<u>Ix-xhud</u>:*
*Naf li kien qiegħed ġol-vann bejn is-seat u r-running board ta' taħt il-bieba.*
*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante</u>:*
*Mal-art jiġifieri.*
*<u>Il-Qorti</u>:*

*Is-seat ta' quddiem? Ta' quddiem.*

*Ix-xhud:*

*X'imkien fl-area bejn is-seat u l-bieba.*

*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*

*Liema seat, tad-driver jew tal-passenger?*

*Ix-xhud:*

*Tan-naħa tad-driver.*

*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*

*Jiġifieri tad-driver, mal-ġenb.*

*Ix-xhud:*

*Kif tiftaħ il-bieba eżatt bejn is-seat u l-floor board, ħa nkun –*

*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*

*Ok. Jiġifieri mal-art imma.*

*Ix-xhud:*

*Iva, x'imkien f'dik l-area kien.*

Ix-xhud **Lynette Portelli**[8], bint il-parte civile Joseph Portelli xehdet li ghandha vettura *Fiat Punto* sewda bin-numru ta' reġistrazzjoni ELX-999. Spjegat li din kienet ipparkeġġjata fi Triq il-Madonna taċ-Ċicri, iż-Żebbuġ, viċin ir-residenza tan-nanna taghha fejn f'xi ħin fil-ġurnata tal-inċident kien mar Franky Cini bit-trakk tiegħu tal-ħaxix, ġie minn warajja. Hija kienet qaltlu biex jistenna ħalli hija twarrablu l-vettura taghha min-nofs ħalli jkun jista' jgħaddi għaliex jekk kien se jgħaddi kien ser jidħol fija u jagħmel ħsara lill-karrozza taghha. Ix-xhud spjegat li hija kienet qegħda barra l-karrozza iżda Franky Cini baqa' jrossha bit-trakk tiegħu u għalhekk hija warbet min-nofs, hu għadda xorta waħda u b'hekk barxilha l-bieba kollha tal-karrozza. Huwa baqa' sejjer. Imbagħad huwa waqqaf it-trakk

[8] Seduta tal-Ħamis, 31 ta' Lulju 2008

tiegħu viċin id-dar fejn joqgħodu huma. Spjegat li l-ewwel li ghamlet ċemplet lill-pulizija u wara ċemplet lil missierha. Fil-frattemp wasal missierha fuq il-post u kif kienet hemmhekk flimkien ma' missierha ħdejn id-dar tagħhom Franky Cini beda jgħajjat u jgħid diskors fis-sens li ma kienx vera li huwa rassha bil-karrozza u li huwa kien barxilha l-karrozza. Spjegat li f'dak il-ħin waslet vettura oħra u kellhom iwarrbu l-vettura taghha għaliex dik il-vettura ma setgħetx tgħaddi. Aħna konna bi ħsiebna nwarrbu, nipparkjaw il-karrozza u nidħlu ġewwa nistennew lill-pulizija.

> *Ngħid illi kif missieri daħal fil-karrozza sabiex iwarrab u jitlaq 'il hemm rajt lil Frank Cini ġej bil-ġiri min-naħa ta' wara tal-vettura, niftakar li missieri kellu l-bieba għadha miftuħa, rajt li Frank Cini kellu turnavit f'idejh u beda jtih fuq dahru, fuq għonqu u fuq rasu. Jiena kont qegħda n-naħa l-oħra tal-karrozza. Jiena dak il-mument bżajt, bdejt inwerzaq u ngħajjat, "Ħallih, ħallih!" Frank Cini dak il-ħin beda jgħidlu, "Noqtlok!" Sa dan it-tant rajt lil omm Frank Cini ħierġa mill-ġaraxx tagħhom li jinsab viċin ir-residenza tagħna, ħierġa b'lasta tal-plastik ta' xkupa ħadra f'idejha. Ngħid illi rajt lil omm Frank Cini min-naħa tal-passiġġier tal-vettura tagħti lil misseri fuq rasu b'din il-lasta ta' xkupa. Jiena bdejt nipprova neħodhielha u hija daret għalija. Din il-mara bdiet tagħti lili bil-lasta ta' l-ixkupa u nel frattemp rajt lil Frank Cini kien kaxkar lil missieri barra mill-karrozza. Missieri f'dan il-mument kien għarkoptejh, kaxkru, tefgħu ma' l-art f'nofs ta' triq. Frank intefa' fuqu u beda jgħidlu kliem "Noqtlok!" jiena sa dan it-tant kont għadni qed inlaqqat id-daqqiet mingħand omm Frank Cini.*
>
> *Jiena fl-ebda ħin ma smajt ħoss ta' sparatura. Ngħid illi omm Frank Cini f'xi ħin daħlet tiġri 'l ġewwa u ftit wara waslu fuq il-post ħut Frank Cini. Nassumi li meta daħlet ġod-dar marret sabiex issejħilhom jew iċċemplilhom. Biex inkun preċiż waslu fuq il-post oħtu u n-neputija, ċioé ġiet Rosie, oħtu, u*

*Dorianne u Josef, it-tfal ta' din Rosie. Ngħid illi f'xi ħin jiena rajthom jitramblu fuq xulxin iżda f'daqqa waħda Frank qam u mar bilqegħda fuq l-għatba tad-dar tagħhom li qisha bankina sewda.*

*F'dan il-mument missieri rnexxielu jqum minn ma' l-art, qalli biex inġib iċ-ċavetta tad-dar minn fuq id-dashboard tal-karrozza, jiena għall-ewwel ma stajtx insibha iżda wara sibtha u aħna dħalna 'l ġewwa u ċempilna l-ambulanza peress li missieri kien mimli dmija f'rasu, f'għonqu, u f'dahru.*

*Nixtieq ngħid u nżid fix-xhieda tiegħi li meta waslu fuq il-post Rosie, Josef u Dorianne, dawn ukoll bdew jagħtuni u jiena spiċċajt qlajt ħafna daqqiet ukoll mingħandhom. Għandi ritratti tal-ġriehi li ġarrabt li nkun nista' nesebixxi. Dawn ir-ritratti ukoll jiena diġà esebejthom fil-proċeduri kriminali li hemm pendenti fil-konfront ta' missieri. Ngħid illi jiena ddeċidejt inwassal jien lil missieri l-isptar, ma qagħdniex nistennew l-ambulanza tasal. Ngħid illi għalkemm il-karrozza tiegħi rriżulta li kellha tyre mifqugħ xorta waħda jiena soqt fuqu u bqajt sejra nwassal lil missieri l-isptar. Biex inkun preċiża ngħid illi jiena soqt bil-mod u persuna ta' l-ambulanza akkompanjatna. Ngħid illi ġiet ambulanza waħda iżda missieri kellu ħafna dmija u kienu qed ituh il-ħass ħażinijiet u kien diġà rikeb fil-karrozza tiegħi għaliex kont iddeċidejt li nwasslu jien.*

*Ngħid illi qabel dan l-inċident il-vettura tiegħi la kellha tyres mifqugħin u lanqas kellha grif fuqha u allura ngħid illi t-tyre infaqa' f'dan l-inċident. Ngħid illi kif diġà xhedt fix-xhieda tiegħi l-inċident beda viċin ir-residenza tan-nanna tiegħi, imbagħad kompla quddiem id-dar tagħna. Jiena soqt minn ħdejn in-nanna tiegħi sa ħdejn id-dar tagħna bil-vettura tiegħi. Ngħid illi hekk kif jiena wasalt ħdejn id-dar tagħna bil-vettura tiegħi rajt lil missieri ġej bil-vettura tiegħu. Kemm jiena u kemm missieri mbagħad inżilna mill-vetturi rispettivi tagħna sabiex nidħlu d-dar nistennew lill-pulizija. Fl-ebda ħin jiena ma rajt li misseri kellu xi pistola f'idejh.*

*Nixtieq inżid u ngħid illi meta jiena dħalt ma' missieri ġewwa, iddeċidejt li nerġa' noħroġ barra sabiex inwarrab u nneħħi l-vettura tiegħi li kienet f'dak il-mument kienet għadha f'nofs it-triq. Kif jiena ħriġt biex nagħmel dan ngħid illi Rosie, Dorianne u Josef u omm Frank Cini reġgħu daru għalija u bdew ituni u jiena bdejt ngħajjat u nwerzaq kemm niflah. F'dan il-ħin missieri meta semagħni nwerzaq qabad senter tal-kaċċa li aħna nżommu fil-vetrina sabiex inżejnu bih u ngħid illi dan is-senter però huwa vojt u qatt ma jintuża. Ngħid illi missieri ħareġ b'dan is-senter f'idejh u beda jgħajjat magħhom u jgħidilhom biex iħalluni però hu baqa' fil-bieb ta' barra. F'dan il-ħin missieri kien għadu kollu dmija.*

Ix-xhud **Rita Portelli**[9], mart Joseph Portelli xehdet li:

*"t-tifla kienet akkompanjatni bil-karrozza s'għand ommi neħdulha xi affarijiet. Ftit wara li pparkjajna ġie Frank Cini bit-trakk tiegħu u jiena bdejt ngħidlu sabiex jistenna ħalli nwarrbulu għaliex ma kiex ser jgħaddi iżda huwa baqa' xorta waħda jinsisti u baqa' għaddej u barax il-karrozza. Ngħid illi t-triq hemmhekk hija pjuttost dejqa. Jiena rajtu b'għajnejja jgħaddi bit-trakk u jobrox il-vettura.*

*Ngħid illi jiena f'dak il-ħin dħalt għand ommi u ċempilt lill-pulizija. Il-pulizija staqsietni jekk kontx ħadtlu n-numru tal-karrozza u jiena għalhekk ħriġt barra iżda rajt li Frank Cini ma kienx waqaf fejn soltu jieqaf sabiex ibiegħ il-ħaxix iżda baqa' sejjer. Jiena dħalt lura u lill-pulizija għidtlu li l-karrozza kienet telqet u m'għadhiex hemm u għalhekk tlaqt lejn id-dar bil-mixi. Jiena naħseb li t-tifla kienet diġà telqet qabli bil-karrozza għax meta ħriġt ma sibthiex hemmhekk. Ngħid illi jiena tlaqt bi-mixi, kif diġà xhedt, lejn id-dar tiegħi, nikkalkula li hemm xi erba' minuti mixi mid-dar t'ommi għad-dar tagħna. Irrid nikser u nserrep xi żewġ toroq. Ngħid illi kif wasalt f'nofs*

[9] Seduta tal-Ħamis, 31 ta' Lulju 2008

*ta' triq niftakar li smajt lit-tifla tiegħi twerżaq u tibki u għalhekk tlaqt niġri lejn id-dar.*

*Ngħid illi kif wasalt ħdejn id-dar rajt il-karrozza tat-tifla u l-karrozza tar-raġel. Rajt lir-raġel tiegħi kien nofsu mitluq lura fil-vettura u saqajh 'il barra u rajt lil Frank Cini qiegħed fuqu u jgħajjat diskors "Noqtlok! Qabel ma noqtlok ma nistrihx!" Għalhekk jiena mort pruvajt inġebdu minn xagħru sabiex jerħi lir-raġel. F'dan il-mument rajt lil ommu li kienet qegħda bilwiefqa tħares bil-lasta ta' l-ixkupa f'idejha. Ngħid illi kif jiena għamilt dan hi bdiet ittini bil-lasta ta'l-ixkupa ġo dahri. Jiena mort lejn salib it-toroq sabiex nara jekk kienx hemm xi ħadd li seta' itina l-għajnuna iżda fit-triq ħadd ma kien hemm.*

*X'ħin dort lura niftakar li mort u sibt lir-raġel tiegħi f'nofs ta' triq, kien mitluq tulu fl-art, rajt lil Frank Cini qiegħed fuqu u rajt li r-raġel tiegħi kellu wiċċu kollu dmija u jiena ħsibt li dak il-ħin kien diġà qatlu. Jiena qbiżt fuq dahar Frank Cini u bdejt nipprova niġbdu sabiex jerħi lil żewġi iżda hu f'dak il-mument gidimni. Gidimni f'subgħaja. Naf illi dak il-ħin Frank Cini beda jgħajjat u jgħidli, "noqtlu rrid. Qabel ma noqtlu ma noqgħodx." F'dak il-ħin jiena bdejt inwerzaq u nibki u niftakar li tani ħass ħażin u ntlift minn sensija u minn hawn 'il quddiem ma nafx iktar x'ġara. Ngħid illi f'xi ħin sibt ruħi ġol-ġaraxx imma fil-konfużjoni ma nafx eżatt x'kien qed jiġri. Però naf li t-tifla tiegħi f'xi ħin reġgħet ħarġet għaliex bdew jagħtu fuq il-karrozza tagħha. Preżenti niftakar li kien hemm oħt Frank Cini kif ukoll it-tfal tagħha flimkien m'ommu. Iżda meta ħarġet, dawn reġgħu daru għaliha.*

*Ngħid illi jiena ħriġt sabiex niddefendi lit-tifla iżda dawn bdew ituni lili ukoll bil-lasta ta' l-ixkupa. F'dik il-konfuzjoni ma nafx kif irnexxieli niżgiċċa u dħalt lura lejn id-dar, biex inkun preċiż dħalt fil-ġaraxx. Jiena ma rajt fl-ebda ħin lir-raġel tiegħi bis-senter, u ċioé f'dan il-mument.*

*Ngħid illi anke jiena sofrejt ġriehi f'dan l-inċident. Ngħid illi aħna ħadna ritratti u għandna ċertifikati mediċi illi naħseb li huma esebiti fil-kawża l-oħra. In-nies li kienu preżenti barra flimkien ma' l-imputat Frank Cini kienu Stella Cini, oħtu Rose Cefai u t-tfal tagħha Dorianne u Josef Cefai."*

Ix-xhud **<u>Joseph Caruana</u>**[10], ikkonferma x-xhieda li kien ta fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju elfejn u ħamsa (2005) fl-atti tal-inkjesta'[11]:

*Il-Qorti: Inti dalghodu kont qieghed iz-Zebbug?*

*Xhud: Kont qed naghmel xi xoghol fil-garage u smajt l-ghajjat u hrigt nittawwal.*

*Il-Qorti: Il-Garage fejn hu qieghed?*

*Xhud: Fit-Triq Skappucina.*

*Il-Qorti: X'hin kien?*

*Xhud: Ma nafx ezatt. Ghal xi habta ta' l-ghaxra. Xi l-ghaxra hekk. U smajt l-ghajjat hawn barra u hrigt nittawwal u nara tnejn min-nies niggildu, Frankie u Joe jiggieldu hawnhekk.*

*Il-Qorti: Frankie u Joe taf x'kunjom x'inhu?*

*Xhud: Frankie Cini andikun Joe Portelli.*

---

[10] Seduta tal-Ħamis, 26 ta' Frar 2009

[11] *a fol* 38 sa 40 - Inkjesta dwar sparatura li sehhet iz-Zebbug Ghawdex fil-25 ta' Lulju 2005 ghal-habta tal-ghaxra ta' filghodu (10.00a.m.) illi fiha kienu involuti certu Joseph Portelli u Frank Cini, it-tnejn miz-Zebbug Ghawdex. Dan l-incident sehh fi Triq Skapuccina kantuniera ma Triq Zaki. Magistrat Inkwirenti Dr Paul Coppini.

*Il-Qorti: U kienu qeghdin jiggieldu, iddiskrivi daqsxejn kif x'kien qeghdin jaghmlu?*

*Xhud: Kienu qeghdin jaghtu fuq xulxin ma l-art u rajt ir-revolver f'idejn Joe Portelli rajtu qed jikkargah. Jiena pruvajt naghlaq biex nitlaq, biex nghidlek id-dritt u ma' lhaqtx, smajt is-sparaturi, rajtu wahhalu r-revolver ma' zaqqu.*

*Il-Qorti: Smajt xi sparaturi? Kemm kienu?*

*Xhud: Iva. Tnejn, Zewg sparaturi.*

*Il-Qorti: Imghad rajt xi haga ohra?*

*Xhud: Imbghad jien tlaqt, mort ghand ommi, cempilt ghall-ambulanza u ergghat gejt hawhekk. Kien hemm Frankie bilqeghda hemmhekk fuq il-bankina bid-demm hiereg izomm zaqqu. U qalli qed jinqatali n-nifs. Qatlu zomm il-kolp l-ambulanza gejja.*

*Il-Qorti: X'kien qed jaghmel Frankie dak il-hin?*

*Xhud: Frankie kien izomm il-feriti d-demm hiereg. Il-feriti fuq zaqqu u qalli qed jinqatali n-nifs. Ghidtlu l-ambulanza gejja, cempiltilha jien.*

*Il-Qorti: Cempiltilha int l-ambulanza?*

*Xhud: iva jien cempilt ghal ambulanza, issa forsi kien hemm xi hadiehor li cempel ha nghidlek, ima jien cempilt min ghand ommi.*

*Il-Qorti: X'hin kien qed jillatikaw, inti smajt xi diskors, ghajjat bejniethom li stajt tifhem xi haga fuq x'hiex kien qed jillitikaw?*

*Xhud: Le jien kull ma smajt erhilhu, erhilhu, erhilhu, u hrigt minn gol-garage u rajthom jiggieldu, imma x'kien l-argument ma ghandhix idea. Naf li l-iehor hareg r-revolver, Joe Portelli u rajtu jiggarga r-revolver u ghamilhulu ma zaqqu u jiggebbed zewg sparaturi ghal zaqqu.*

*Il-Qorti: Ghal zaqq minn?*

*Xhud: Ghal zaqq Frankie Cini.*

*L-Ispettur Chris Pullicino: Ara spejgatilna li rajtu revolver f'idu u jispara ghal zaqq Cini, jimporta tghidlina ezatt l-pozizjoni taghhom kif kienet dak il-hin li sparalu?*

*Xhud: Dak il-hin meta sparalu Joe kien qed taht u Frankie kien qed jiprova izzommlu idejn mir-revolver u rajtu ittellahulu darbtejn ma rasu hekk u Frankie kull darba inehhilhu idejh bir-revolver minn ma rasu u imbghad dahhalhu idu hekk minn taht zaqqu u gibbed zewg sparaturi.*

*L-Ispettur Chris Pullicino: Qed nifhem sew l-ewwel prova jispara ga ras Cini u wara li rnexxilu inehhilhu idu sparalu ghal zaqqu?*

*Xhud: Frankie nehhilhu idu darbtejn minn ma rasu bir-revolver imbghad dahhal idu minn taht u wahhallu ma zaqqu, gibbed darbtejn.*

*L-Ispettur Chris Pullicino: Min tiftakar li kien hawn nies aktar fuq il-post dak il-hin?*

*Xhud: Dak il-hin kien hawn omm Frankie zgur, it-tifla ta' Joe u il-mara ta' Joe dak il-hin waqt l-incident. Imbghad wara gew hafna. Bdew gejjin hafna nies wara. Ma niftakarx ezatt min kien.*

*Il-Qorti: Xi hadd minn Frankie jew Joe kellhom xi haga ohra apparti r-revolver li semmejt f'idu?*

*Xhud: Jiena li rajt, rajthom hemmhekk jitmeku ma l-art, rajt ir-revolver f'idejn Joe biss. Issa jekk kien hemm xi arma ohra jew xi haga ohra involutha jien ma rajt xejn.*

*L-Ispettur Chris Pullicino: F'xi hin aktar wara lil Portelli rajtu jaghmel xi haga ohra?*

*Xhud: Smajtha dik imma jien ma rajtux b'ghajnejja. Naf li kien hawn hafna qabli imbghad ingabru hafna nies u bdew jiggieldu bejniethom in-nisa u jien kont gej min ghand ommi minn hemmhekk u smajthom iwersqu ".. u ara qedghin bis-senter, qieghed bis-senter" u n-nisa tfersnu kollha u telqghu jigru u jien erajt lura, biss bis-senter ma rajtux.*

*L-Ispettur Chris Pullicino: Dak il-hin li rajt lil Portelli jispara lil Cini, lil Portelli rajtlu xi griehi jew xi dmija hergin?*

*Xhud: Demm go wiccu kellu biss minn ta' min kien ma nafx ghax taf int jithabtu fuq xulxin hemmhekk, jien rajt hafna dmieja tigri fl-art hemmhekk, sparalhu zewg tiri u sadanittant ilhaqt tlaqt u mort cempilt ghal ambulanza minn ghand ommi.*

*L-Ispettur Chris Pullicino: Ghidtilna li kellimint lil Cini wara u beda jaqta nifsu waqt li kien fuq it-targa tal-bieb t'ommu, lil Portelli kellemtu?*

*Xhud: Le. Portelli dak il-hin ma kienx qieghed hemm barra. Ghax fil-fatt x'hin gejt lura jien rajt lil Cini bilqieghda hemmhekk fuq il-bankina t'ommu izomm il-feriti hekk f'zaqqu qalli qed jinqatali in-nifs. Ghidtlu zomm il-kolp lill-ambulanza cempiltilha gejja. Imbghad insomma wasalet l-ambulanza hawnhekk. Imbghad rajt lil Portelli x'hin giet l-ambulanza, Portelli hareg*

*jigri mid-dar rikeb ga l-ambulanza u fil-fatt rega nizel biex jabbu lil Cini ghax Cini kien ferut.*

*Il-Qorti: L-ahhar mistoqsijiet saru mill-Ispettur Christopher Pullicino.*

Waqt il-Kontro Eżami tad-Difiża spjega li:

*"X'ħin rajthom jiena kienu bilwieqfa mqabbdin ġo xulxin. Portelli diġà kellu revolver f'idejh f'dan il-mument. Ngħid illi jiena ċempilt l-ambulanza u għidtilhom li kien hemm argument qed iseħħ fi triq. Ngħid illi fil-fatt meta ġiet l-amulanza kien Joe Portelli illi rikeb l-ewwel, l-ambulanza ħadet lilu minn fuq il-post, imbagħad wara reġgħet ġiet għal Frank Cini. Anzi għandi ngħid illi fil-fatt meta ġiet l-ambulanza rikeb Joe Portelli fiha iżda dak il-ħin stess, tal-ambulanza niżżluh u minflok rikkblu lil Frank Cini u telqu bih."*

Ix-xhud **Dottoressa Natalie Ellis**[12], spjegat li fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) hija kienet eżaminat lil Joseph Portelli l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn dak il-ħin il-pazjent kien orjentat. Il-pazjent kien jidher anzjuz. Kellu *superficial abrasions* f'irkobtejh it-tnejn, kellu wkoll *lacero contused wound* fuq in-naħa tal-lemin ta' moħħu ta' madwar ħames ċentimetri (~ 5cm.) u kienet għamlitlu xi punti. Kellu wkoll fuq dahru ħafna qisu daqqiet, puncture wounds, speċjalment lejn in-naħa ta' fuq ta' dahru. Hija għamlet tpingija ta' li tirrifletti fejn kienu d-daqqiet[13]". Ħadhulu wkoll *x-rays* tal-iscull, tac-*chest* u ta' għonqu iżda dawn kienu fin-negattiv u rriżultalhom li ma kienx hemm l-ebda fratturi. Hija spjegat li Portelli ġie admitted ġewwa l-Isptar Ġenerali ta'

[12] Seduta tal-Ħamis, 11 ta' Settembru 2008
[13] Dokument "NE"

Għawdex taħt il-kura ta' Mr. Pechar u dana sabiex jagħmlulu *head injury charting* peress li kellu xi daqqiet f'rasu u spjegat li l-ġrieħi ma kinux ta' natura serja.

Ix-xhud **<u>Mr. Antonin Pechar[14]</u>** spjega li

*Mr Joseph Portelli was admitted on the twenty fifth (25th) July in the morning, it was about half past ten in the morning (~10.30 a.m.). I examined him later on in the afternoon around six o'clock (~ 6.00 p.m.). The injuries he suffered were, one by one, he had a deep lacero conduced wound five centimetres (5 cms) long in the right temperoparaito region of his head. The wound was sutured. He had multiple punctured wounds of his oxiput posterior neck and upper part of back. Altogether eighteen (18) wounds were charted in the file of the patient. Apart from it he had abrasions of both knees and bruising of his right shin; abrasions of abdominal wall, and the both costal margins, right and left.*

*Now, you want me to specify whether these injuries were grivious- No, I I specify them as multiple, all of them of slight nature.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Mela, I am being shown document, Spettur.*

*<u>Spettur Josric Mifsud</u>:*

*"NE."*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*"NE," exhibited at folio 71 of the court records. What can you tell me about that?*

*<u>Xhud:</u>*

*These are not my notes; these are admitting notes of the. … This is the first … every, every patient admitted. He has … charts, based my testimony on. … Rubbish, I think these. … I did not release any certificates regarding his injuries, I was called, perhaps, five (5) or six (6) times in the past to testify*

[14] Seduta tal-Ħamis, 4 ta' Novembru 2010

*about these injuries but the case was always postposed. So this is first time I am making this testimony.*

*<u>Spettur Josric Mifsud</u>:*

*You said that there were eh number of injuries. With what are they compatible?*

*<u>Xhud:</u>*

*Are you asking me what instrument was used?*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Is it a blunt injury, is it an injury caused by?*

*<u>Xhud:</u>*

*I am only guessing.*

*<u>Spettur Josric Mifsud</u>:*

*But, what size of injury are we talking about here?*

*<u>Xhud:</u>*

*The punctured wounds short wounds let's say, half a centimetre to one centimetre (1/2cm – 1 cm), not bigger; the wound, I can say, not penetrating, in the chest cavity, I cannot specify that … it was not measured. … Skin penetrating in the subcutaneous tissue.*

*[...]*

*<u>Spettur Josric Mifsud</u>:*

*What, what was inside the wounds?*

*<u>Xhud:</u>*

*Blood clots.*

Ix-xhud **<u>Dr. Mario Scerri M.D</u>**[15] ikkonferma relazzjoni[16] li kien hejja. Ix-xhud spjega li ezamina lil Franky Cini nhar l-ghoxrin (20) ta' Mejju elfejn u hdax (2011):

[15] Seduta tat-22 ta' Gunju 2016
[16] a fol 357

*"kellu evidenza ta' lezjonijiet maghmula minn missili li ghalihom kellu jigi sottomess ghall-emergency laparotomy, dana qieghed spjegajt fir-relazzjoni. Waqt l-laparotomy gie excised jigifieri maqtugh tul ta' bowel, u gew furnished zewg colostomies jigifieri boroz biex l-ippurgar jghaddi minn channels differenti u kellu l-bags barra. Dawn il-colostomies eventwalment imbaghad wara z-zmien jigu maghluqin b'operazzjoni separata u dana nghalqu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru two thousand and five (2005). Ir-rizultat ta' dawn il-bowel section ghadu sal-lum jigifieri sa meta ezaminajtu, sal-ghoxrin (20) ta' Mejju jigifieri kien ghadu bl-istess sintomi, ibati bid-diarrhea kronika, sintomi assoccjati ma' reception ta' bowel, sewwa, peress li ghandu tul ta' bowel maqtugh u jigifieri tul ta' bowel nieqes.*

*Dan irid joqghod attent x'jiekol ovvja l-ghaliex certu ikel jipprovoka aktar diarrhea minn ikel iehor. Apparti minn dan ghadu jattendi regolarment ghall-ezamijiet medici. Dana kellu cikkatrici u z-zaqq kienet displaced, ghandna fir-ritratt illi z-zaqq kienet tidher fuq din in-naha iktar sporguta 'l barra min-naha l-ohra, dak minhabba displacement tal-bowels. Dana kkalkulajt li l-percentage debit disability ta' dan kollu li ghandu, huwa kellu laparotomy scar, kellu entratura ta' missila, kellu l-iscaring colostomies, iz-zaqq kienet lopsided, in-naha tax-xellug iktar, tal-lemin iktar 'il barra min-naha tax-xellug, u dana jammontaw bejn wiehed u iehor ghall-persentagg ta' twenty seven percent (27%) li ma jinkludix ovvjament l-effetti psikologici illi dawn l-lezjonijiet u l-apparenza tieghu u l-fatt illi jrid joqghod attent x'jiekol eccetra, apparti mill-effetti psikologici li jgorru mieghu dawn il-lezjonijiet u l-kundizzjonijiet illi ghadda minnhom.*

*Jiena ezaminajt ukoll lil Joseph Portelli, kelli nara n-noti klinici, dana allega illi, inkompli naqra minn hawnhekk, nikkonferma dan. Jigifieri dan bazikament qala' daqqiet fuq wara kompatibbli mal-verzjoni li taw lili cioe' ma' turnavit. Dawn ma hallew l-ebda cikkatrici. Li naf illi ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni ta' kavitajiet, jigifieri ma kinux gravi, u minn*

*barra meta ezaminajtu jiena ma deher xejn, jigifieri ma hallewx marki esterni permanenti vizibbli u sfiguranti, daqshekk.*

[...]

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>

*Issa l-ahhar domanda, inti ghedt li ezaminajt lil Joseph Portelli.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Iva.*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>

*Issa inti qghadt fuq notamenti li ghamlu, clinical notes ta' haddiehor.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Bilfors ghaliex hu li qalli hu ovvjament m'iniex se, irrid niccekja x'jghidli hu.*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>

*Ezatt.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Rajt l-istorja klinika u importanti li kelli naraha ghaliex esternament ma kien jidhirlu xejn.*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>

*Ehe, hekk irrid nghidlek, jigifieri esternament ma kien jidher li m'ghandu xejn.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Fil-fatt f'wahda, f'ritratt minnhom hadt ritratt tal-isketch, il-body sketch li kien ghamel it-Tabib fen kienu l-lezjonijiet, hadtu mill-isptar jigifieri u*

*nkludejtu fir-rapport tieghi ghaliex meta ezaminajtu jiena ma kien jidher xejn minn barra.*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>
*U inti wara kemm wara ezaminajtu milli meta gara l-incident?*

<u>*Ix-xhud:*</u>
*Bhalma spjegajt, fl-ghoxrin (20) ta' Mejju.*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>
*Dakinhar.*

<u>*Ix-xhud:*</u>
*Ehe, ehe jigi fit-two thousand eleven (2011).*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>
*Jigifieri ftit wara.*

<u>*Ix-xhud:*</u>
*Ehe.*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>
*U ma rajt xejn fuq gismu?*

<u>*Ix-xhud:*</u>
*Le, le ma kien jidher xejn, ghalhekk kelli nirrikorri u mnalla sibt dak il-body sketch li ghamel it-Tabib ghax il-lezjonijiet ma ...*

<u>*L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:*</u>
*U prezentajtu fir-rapport tieghek?*

Ix-xhud:

*Iva, iva.*

L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:

*Il-body skecth u anke hadt ritratt tal-istess.*

Ix-xhud:

*Data u ccekjajt l-X ray reimaging ha nara.*

L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:

*Jigifieri ma kien hemm xejn?*

Ix-xhud:

*Li kienu, ma kienx hemm penetrazzjonijiet fil-cover ta', bazikament fuq in-naha tad-dahar kienu, jigifieri ma kienx hemm penetrazzjoni fit-thoracic cavity u l-lezjonijiet ma baqghux, ma ffurmawx f'cikkatrici li baqghet vizibbli.*

L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:

*Jigifieri kieku kif qed jghidu li ntuza turnavit biex, biex?*

Ix-xhud:

*Le jista' jkun.*

L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:

*Issa kieku ntuza xi haga kien ikun hemm xi marka le ta' xi haga?*

Ix-xhud:

*Le, le, le jiena meta ezaminah it-Tabib.*

L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:

*Daqqiet ta' turnavit, ifhimni, go fik jidhol.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Indikahom it-Tabib, jigifieri kien hemm. Turnavit jista' jidhol jew at right angel mas-surface.*

*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:</u>*

*Ghalhekk qed nghidlek.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Jekk jippenetra hafna u jiffurmalek, jiffurmalek n-neumotorax perezempju, jew inkella jekk ikun angolat xorta jkollok lezjoni, ma tkunx, ma tidholx 'l gewwa ghalkemm tista' tkun twila pero' tibqa' superficcjali, dika nikklassifikawha bhala slight la ma jkunx hemm.*

*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:</u>*

*Imma inti rajt lesions?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Xejn ma rajt jiena.*

*<u>L-Avukat Dottor Juliana Scerri Ferrante:</u>*

*Ma rajt xejn, jigifieri lanqas superficcjali?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Le, le, le superficcjali ma rajt xejn.*

## L-ghodda biex tiddeciedi

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

*Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[17]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[18] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

*Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu in rebus suis, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkazjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu*

---

[17] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[18] Appell Kriminali Numru. 115/2006

*jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**Opinjoni ta' espert imqabbad mill-Qorti**

Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja tal-Proces Verbal li kien gie esebit fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Joseph Portelli**", Proces Verbal Numru 1035/05 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D dwar attentat ta' qtil ta' Frank Cini taz-Zebbug, Ghawdex nhar il-25 ta' Lulju 2005 u kien immarkat bhala dok A[19]. Fl-4 ta' Dicembru 2008 il-Qorti kkonfermat l-esperti nominati f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti issa se titratta dwar l-opinjoni ta' espert mahtur mill-Qorti billi se tirreferi ghal numru ta' decizjonijiet fejn il-Qrati taghna

[19] *A fol.* 18

trattaw l-artikolu 656 tal-Kap 9. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Akram Amar Swayah**[20] deciza fit-8 ta' Mejju, 2006 intqal:

*Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta' natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta' hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta' natura gravi.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F'dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll."*

*Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:*

***"Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."***

[20] Appell Kriminali Numru. 124/2005

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta' Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna "tinhass", u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni "hija wahda visibbli minn distanza normali". Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (ara Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Paul Spagnol****, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).*

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Il-Pulizija (Spettur Carmelo Magri) vs George Xuereb**[21] **i**ppreseduta mill-Agent President Imhallef Joseph A. Filletti u l-Imhallfin Albert J. Magri u Geoffrey Valenzia fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2011 intqal:

*"... anke tenut kont tal-inkarigu tieghu, jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti f'dawn l-ahhar snin, il-Qorti thoss fi kwalunkwe kaz it-talba ma tistax tigi milqugha peress li kif inghad fis-sentenzi hawn citati tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* ***"Nazzareno sive Reno Zarb vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) u* ***"Melchior Spiteri vs Avukat Generali"*** *(Q.K. – 31 ta' Ottubru 2003) il-Qorti thoss illi l-analizi taghha, jekk tieqaf hawn, tkun inkompleta u ghalhekk skorretta. Skont dawn l-istess principji*

[21] Appell Civili Numru. 24/2008/1

*enuncjati f'dawn is-sentenzi johrog car illi din il-Qorti ghandha tqis l-assjem tal-provi kollha, u hija l-istess Qorti li ghandha tezercita l-irwol taghha ta' supervizjoni u ghandha taghmel evalwazzjoni tal-provi kollha mressqa quddiemha. Ghalhekk ghandha l-liberta` tiskarta l-opinjoni tal-esperti anke jekk mahtura minnha (**artikolu 656 tal-Kap. 9**) u l-partijiet ghandhom id-dritt iressqu l-provi taghhom."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-atti tal-allegazzjoni ta' genn fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Anthony Schembri**[22] deciz fl-4 ta' Marzu, 2010 mill-Agent President Imhallef David Scicluna u l-Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph R. Micallef intqal:

*Jidher li l-gurati skartaw l-opinjoni ta' l-esperti psikjatri (kif del resto kellhom dritt li jaghmlu a tenur ta' l-artikolu 656 tal-Kodici Kriminali) u kkonkludew li l-appellant kellu kemm il-kapacita` li jifhem li dak li qieghed jaghmel huwa hazin kif ukoll il-kapacita` li jaghzel jekk jaghmilx jew le dak l-att. Din il-Qorti jidhrilha li l-gurati, ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, huma fl-ahjar posizzjoni li jiddeciedu, skond il-buon sens, dwar il-kwistjoni li kellhom quddiemhom. Bhalma jghidu Timothy Jones u Michael Christie, b'referenza ghal-ligi sostantiva u procedurali Skocciza in materja ta' eccezzjoni ta' demenza fil-kamp penali, u li hi simili hafna ghal dik taghna:*

[22] Appell Kriminali Numru 3333/2010

*"The issue as to whether the accused's reason was alienated in relation to the crime in question is one for the jury to determine in the light of the evidence and their common sense. In Lord Strachan's terms, 'it is to be judged on the ordinary rules on which men act in daily life.' The jurors are the arbiters of insanity. They can take account of any medical evidence given by expert witnesses, but such evidence is not conclusive. The significance of medical evidence is severely limited by the fact that insanity is a legal rather than a medical concept. Further, a medical witness can only speculate as to the accused's state of mind at the time of the crime, since the information upon which his judgment is based will have been obtained subsequent to the crime being committed."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat**[23] deciz mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef deciz fit-8 ta' Gunju 2006 iddikjaraw:

*Irid jigi notat ukoll illi skond l-artikolu 656 tal-Kap. 9:* ***"Min ghandu jiddeciedi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu."*** *L-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet illi f'dan il-kaz din ir-regola kienet tassumi importanza partikolari peress illi certi linji difensjonali kienu jiddependu minn jekk il-gurati jaccettawx jew le, b'mod*

[23] Appell Kriminali Numru 9/1996

*partikolari, il-konkluzjonijiet ta' Dr. Spiteri. Jigifieri l-Qorti kienet qed taghmel il-posizzjoni fil-ligi cara lill-gurati, filwaqt li spjegatilhom li* ***"kontra l-perswazjoni"*** *taghhom ma kienx ifisser* ***"kontra l-kapricc ta' mohhkom"*** *izda ghal raguni valida legalment.*

U finalment il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Borg**[24] tat-13 ta' Lulju, 2006 deciza mill-Imhallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna fejn kien dikjarat li:

*Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:*

***"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali*** *[fit-test ingliz]:* ***special knowledge or skill], ghandha tigi ordnata perizja."***

*Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'* ***Blackstone's Criminal Practice 2001***[25] *, "whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from*

[24] Appell Kriminali Numru 22/1997
[25] Para. F10.3 pagna 2120.

*formal study or training, experience, or both". Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet R. v. Bonython (1984) 38 S.A.S.R. 45, citat f'* ***Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003***[26]*, King C.J. qal:*

***"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....***

***If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."***

*Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) izda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li ghandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi*

[26] Para. 10-65 pagna 1234.

*kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- kaz ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l-gudikant tal-fatt **"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu"** (Art. 656). Konsegwentement il-kwistjoni ta' jekk il-Professur Hector Galea kienx l-ahjar espert li seta' jingieb f'dan il-kaz kienet kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gurati, u dwar dan, kif ser naraw, il-gurati gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.*

*F'dan il-kaz, il-Professur Galea gie mistoqsi mid-difiza jekk hux forensic odontologist u hu wiegeb li hu dentist u li jahdem fil-forensika. Din il-Qorti hi a konoxxenza tal-fatt illi l-imsemmi Professur Galea m'ghandux kwalifiki formali fl- odontologija izda taf ukoll illi ghandu snin konsiderevoli ta' esperjenza f'dan il-qasam. Issir referenza f'dan ir-rigward ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco** moghtija fl-1 ta' Dicembru 2005, u, bhalma ntqal f'dik is-sentenza, hawn ukoll tghid li ma tara l-ebda raguni sabiex tghid li l-Professur Hector Galea ma kellux il-kwalifiki mehtiega biex jikkonduci x-xoghol kollu mehtieg skond l-inkarigu li kien gie moghti mill-Magistrat Inkwerenti u li, fl-ahhar mill-ahhar, il-gurati kienu dejjem liberi li jaslu ghal konkluzjoni differenti u ma jaccettawx l-opinjoni tieghu.*

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI DAWR L-AKKUZI

### L-ewwel imputazzjoni

**Artikoli 41 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – Tentattiv ta' offiza gravi**

L-imputat fl-ewwel imputazzjoni jinsab akkuzat bir-reat ta' tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Joseph Portelli. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*" (ara sentenza Il-**Pulizija vs Emanuel Zammit** deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dan it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

> ***"the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives***

***rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*[27]*"***

izda mbaghad izid:

***"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."*** (Enfazi tal-Qorti)

Illi wkoll f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

"**Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu** *Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I* (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) Jghid f'pagna 79:

***"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti***

[27] Notes on Criminal Law

*della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di*

***lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo.***"

U kkonkludiet:

*"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok."*

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar l-intenzjoni jikkwota lill-Carrara u jghid li:

*"The intention, according to Carrara, is 'indirect' when the event was merely a possible consequence of one's act, which was either*

*not foreseen at all, or was foreseen but not desired. If such an event was foreseen, and notwithstanding such foresight the means were desired although the event itself ensuing upon the use of such means was not desired, the 'indirect' intention is said to be 'positive'; if, on the other hand, the possible event was not only not desired, but not even foreseen, the indirect is said to be negative.*

*Direct intention and (in appropriate cases) positive indirect intention give rise to 'dolus', i.e. criminal intent. Negative indirect intention gives rise to 'culpa', i.e. negligence, or to 'casus', i.e. accident or misadventure."*[28]

Il-Qorti hadet nota ta' dak li ssottometta il-*parte civile* fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar id-"*dolo indiretto*" fejn l-awturi Taljani jghidu li dan iwassal biex ir-reat jitqies ta' natura volontarja:

*"inidica l'atteggiamento psicologico di chi si rappresenta la (concreta) possibilità della realizzazione del fatto di reato e ne accetta il rischio: agendo senza avere superato lo stato di dubbio circa il (concretamente) possibile verificarsi del fatto di reato, quindi nonostante la sua rappresentazione, il soggetto anche qui vuole il fatto medesimo"*[29]

---

[28] Notes on Criminal Law, Vol I.
[29] *Codice Penale, Commentato e Aggiornato in Dejure*, 2016, (Giuffrè Editore), pagna 206, li jikkwota minn *Romano, Commentario,* 441.

U li l-gurisprudenza Taljana ricentament kjarifikat ukoll li dan id-*dolo indiretto*:

> *"ricorre quando l'agente si sia chiaramente rappresentato la significativa possibilità di verificazione dell'evento concreto e ciò nonostante, dopo aver considerato il fine perseguito e l'eventuale prezzo da pagare, si sia determinato ad agire comunque, anche a costo di causare l'evento lesivo, aderendo ad esso, per il caso in cui si verifichi...."*[30]

Illi magħmul dina l-esposizzjoni legali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tezamina l-fattispecje ta' dan il-kaz bil-għan li jigi stabbilit jekk f'dan il-kaz tistax tirrizulta htija għall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi kif diga ingħad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jagħmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jinhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq Joseph Portelli.

Il-Qorti ma tista' qatt tasal għal konkluzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-imputat kellu l-intenzjoni specifika illi jikkaguna xi ferita gravi fuq Joseph Portelli. Provi dwar dan fl-atti ma hemmx.

---

[30] Cass., S.U., n. 38343/2014, kwotata fil-*Codice Penale, Commentato e Aggiornato in Dejure*, 2016, pagna 206.

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni mhux biss naqset milli tipprova n-ness bejn l-*actus reus* tal-offiza gravi , izda wisq aktar naqset li tipprova l-element formali jew intenzjonali ghall-finijiet tal-ewwel imputazzjoni kif ridotta, u dan peress ma hemm xejn x'jindika li kienet tezisti l-*mens rea* specifika necessarja ghall-offiza gravi.

L-unika intenzjoni li setghet tirrizulta mill-assjem tal-provi, kienet dik tal-imputat li jiddefendi ruhu.

Huwa minnu li f'kazijiet ta' offizi fuq il-persuna mhuwiex mehtieg li l-imputat ikollu l-intenzjoni specifika li jikkaguna l-feriti li effettivament hu jkun ikkaguna, izda huwa mehtieg biss *animu nocendi* generiku.

F'dan il-kaz pero', il-Prosekuzzjoni qatt ma waslet biex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali l-intenzjoni tal-istess imputat li jwegga' lill-allegat vittma.

Ghalhekk, ma tirrizultax xi intenzjoni negattiva, jew intenzjoni pozittiva indiretta u wisq anqas intenzjoni diretta tal-imputat.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali tghallem li "l-*intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu ... il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent* … (**Pulizija vs Kevin Sammut (VDG 192/2008) 23.01.2009**). "*Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-*

*cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li …[sehh]… l-att*" (**Repubblika ta' Malta vs John Polidano et, 12.12.2007**). Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi (App. Krim. (inf) 284/2000 PV; 31.05.2001)**, il-Qorti tal-Appell tghallem li "*huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li ... [l-imputati]..., intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni*".

**It-tieni imputazzjoni**

**Art. 214, 217 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – feriti**

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk,**

**kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996[31] fejn gie ritenut:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f'wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l-incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju*

[31] Per Onor. Vincent De Gaetano

*ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi* ***u*** *permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l-Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jagheml l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Emily Zarb****".*

It-tabiba Natalie Ellis dwar l-*injuries* li kellu Joseph Portelli spjegat li kellu *superficial abrasions* f'irkobtejh it-tnejn, kellu wkoll *lacero contused wound* fuq in-naħa tal-lemin ta' moħħu ta' madwar ħames

ċentimetri (~ 5cm.) u kienet għamlitlu xi punti. Kellu wkoll fuq dahru ħafna qisu daqqiet, *puncture wounds*, speċjalment lejn in-naħa ta' fuq ta' dahru. Hija għamlet tpingija ta' li tirrifletti fejn kienu d-daqqiet[32]". Ħadhulu wkoll *x-rays* tal-iscull, tac-*chest* u ta' għonqu iżda dawn kienu fin-negattiv u rriżultalhom li ma kienx hemm l-ebda fratturi.

Mr. Antonin Pechar dwar l-*injuries* li kellu Joseph Portelli spjega:

> *Now, you want me to specify whether these injuries were grivious- No, I I specify them as multiple, all of them of slight nature.*

Dr. Eileen Borg[33] li kienet giet nominata mill-Qorti sabiex tezamina l-ferita li garrab fuq mohhu Joseph Portelli ikkonkludiet li din il-ferita se thalli marka permanenti ghalkemm wiehed irid javvicinaha mill-qrib biex jaraha.

It-tabib Mario Scerri[34] dwar l-*injuries* li kellu Joseph Portelli spjega:

---

[32] Dokument "NE"

[33] Fol 414

[34] Fit-18 ta' Novembru 2010 fil-process Il-**Pulizija vs Joseph Portelli** wara talba li saret fir-rinviju tal-Avukat Generali, il-Qorti nnominat lil Dr. Mario Scerri bhala espert medico-legali sabiex jezamina l-files medici ta' Frank Cini, jezamina mill-gdid lil Franky Cini, jiddetermina l-konsegwenza tal-griehi sofferti minnu u l-grad tad-dizabilita permanenti jekk jirrizulta fuq l-istess Frank Cini. Skont il-verbal tal-hatra, Dr. Mario Scerri ma kienx mahtur biex jirrelata dwar il-griehi ta' Joseph Portelli. Kopja tar-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri li kienet prezentata fil-kawza Il-**Pulizija vs Joseph Portelli** kienet esebita f'dawn l-atti fl-4 ta' Dicembru 2016. Dr. Mario Scerri xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2016. Stante li Dr. Mario Scerri ma kienx nominat fl-inkjesta dwar l-incident u li kienet esebita f'dawn l-atti u l-esperti kienu kkonfermati, izda kien nominat fi proceduri ohra marbuta mal-fatti ta' dan il-kaz, f'dan il-kaz mhux qieghed jitqies bhala espert ta' din il-Qorti f'dawn il-proceduri. Il-Qorti rat dak li ntqal mil-Prim Imhallef Vincent De Gaetano meta kien qieghed jippresiedi l-Qorti Kriminali fil-kaz ir-**Repubblika ta' Malta v. Carmel Vella** (Att ta' Akkuza 22/2009) fit-8 ta' April 2010: [*... l-inammissibilita` ta' l-imsemmija relazzjoni [a fol. 55 et seq.] ta' Dottor Mario Scerri in kwantu l-konkluzzjonijiet minnu raggunti huma konsegwenza ta' ezami li jmur ben oltre n-nomina moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u huma bazati esklussivament fuq informazzjoni li ma tiffurmax parti millatti processwali." Issa,*

*Jiena ezaminajt ukoll lil Joseph Portelli, kelli nara n-noti klinici, dana allega illi, inkompli naqra minn hawnhekk, nikkonferma dan. Jigifieri dan bazikament qala' daqqiet fuq wara kompatibbli mal-verzjoni li taw lili cioe' ma' turnavit. Dawn ma hallew l-ebda cikkatrici. Li naf illi ma kienx hemm evidenza ta' penetrazzjoni ta' kavitajiet, jigifieri ma kinux gravi, u minn barra meta ezaminajtu jiena ma deher xejn, jigifieri ma hallewx marki esterni permanenti vizibbli u sfiguranti, daqshekk.*

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**

**Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**:

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq il-vettura ELX999.

Illi f'dan il-process il-Qorti ma sabet l-ebda stima u ircevuta tal-hsara li saret fuq il-vettura.

---

*f'dan il-kaz Dottor Scerri kien gie nominat mill-Qorti Istruttorja (ara fol. 40 tal-atti) "…bhala espert mediku sabiex wara li jezamina l-atti tal-kawza, jaghmel rapport jekk id-daqqa fuq ir-ras ta' Carmel Xerri kienetx tali li poggiet il-hajja tieghu f'perikolu car." "Il-Qorti qeghda tordna," jkompli d-digriet, "li ghall-ezami mediku li jsir mill-espert fuq Carmel Xerri ghandu jkun prezenti l-imputat u d-difensur tieghu." Issa, apparti mill-generalita` ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (c) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 436 tal-Kap. 9 – diskrezzjoni li tithalla f'idejn l-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-Qorti Kriminali ghar-ricerka tal-verita` fir-rispett tad-drittijiet tal-partijiet – huwa evidenti li meta espert mediku jigi nominat biex jaghti opinjoni medika huwa ghandu jaghti opinjoni infurmata u studjata sew, u mhux ibbazata fuq informazzjoni parzjali jew billi wiehed iwiegeb semplicement "iva" jew "le", ghax altrimenti l-iskop kollu tan-nomina ta' espert jigi vanifikat. Huwa evidenti li biex tinghata opinjoni medika bhalma gie mitlub jaghti l-imsemmi tabib, huwa kellu jezamina anke l-kartelli klinici u d-dokumenti tal-isptar. Fin-nomina jissemmew specifikatament "l-atti tal-kawza" ghax, minghajr tali awtorizzazzjoni, dawn ma jkunux disponibbli ghall-espert li jkun. Iz-zewg dokumenti principali li ezamina Dottor Scerri u li ma humiex fl-atti, cioe` l-X-Rays u s-CT Scan li ttiehdu fl-isptar San Luqa (ara fol. 62 tal-atti), jistghu dejjem – b'analogija ma' dak li jipprovdi ssubartikolu (3) tal-Artikolu 653 tal-Kap. 9 – jigu prodotti biex jarawhom il-gurati jekk issir talba f'dan is-sens minn parti jew ohra fil-kors tal-guri. U hekk ukoll tista', jekk ikun il-kaz, tigi prodotta Dott. Johanna Van't Verlaat. B'dana kollu, pero`, il-fatt li Dottor Scerri wettaq l-inkarigu tieghu skond ma titlob il-professjoni u s-sengha tieghu (Art. 653(1) tal-Kap. 9) u mhux skond kif parti jew ohra tkun tixtieq li huwa jwettqu, ma jirrendix ir-relazzjoni tal-istess espert inammissibbli kif qed jippretendi l-akkuzat.]*

Illi l-imputat stess fix-xhieda tieghu qal li hakk mal-karozza ta' Portelli u kkagunalha hsara zghira.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Frar 2003 fl- ismijiet Il-**Pulizija vs Joseph Zahra**, fejn gew elenkati l-metodi kif jista' jigi determinat il-valur ta' hsarat. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

> *"Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 325, biex tigi determinata l-hsara ghall-finijiet ta' l-artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il-gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara."*

Mill-provi prodotti l-Qorti ssib li l-agir in kwistjoni jammonta ghal reat involontajru u mhux volontarju u dan wara li rat dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Ottubru 2016 fis-sentenza l-**Pulizija vs Mario Formosa**[35] *"Jekk l-ewwel Qorti kienet ġustifikata li jkollha dubbju dwar ir-reat ta' ħsara volontarja fl-ewwel imputazzjoni ma seta' kellha ebda dubbju li rriżultaw l-elementi meħtieġa tar-reat ta' ħsara involontarja. Di fatti jekk l-għemil tal-imputat ma kienx volontarju meta*

[35] Appell Nru: 522/2015 deciz mill-Prim Imhallef Silvio Camilleri

*bil-vettura tiegħu investa l-vettura ta' Ivan Cauchi ċertament is-sewqan tiegħu li wassal għal dik il-ħabta li kkaġunat il-ħsara fil-vettura ta' Ivan Cauchi kien b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni. Għalhekk l-ewwel Qorti mhux biss setgħet iżda kellha ssib lil-imputat appellat ħati tar-reat kompriż u involut ta' ħsara involontarja."*

Ghalkemm l-Avukat Generali indika l-artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-imputat xorta se jinstab hati tar-reat involontarju kontemplat fl-artikolu 328(d) tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex fil-Qrati taghna dejjem gie irritenut li filwaqt li imputat ma jistax jinstab hati ta' reat li mhuwiex indikat fl-artikoli tal-Avukat Generali, madanakollu jista' jinstab hati ta' reat inqas gravi minn dak indikat fl-artikoli. Dan l-insenjament johrog mill-artikolu 467 (4) tal-Kodici Kriminali, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 525 (3) tal-Kodici Kriminali jghodd ukoll ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

**KONKLUZZJONIJIET**

**Il-Qorti waslet ghal dawn il-konkluzzjonijiet wara li fliet il-process kollu li fih sitt mija u seba' u sittin (667) pagna.**

Illi dan l-incident tahti ghalih Lynette Portelli fejn incident zghir tat-traffiku li jsiru ghexieren bhalu ta' kuljum, bl-agir taghha eskalatu f'incident kbir b'konsegwenzi serji kemm ghall-imputat li spicca bi griehi gravi permanenti u ghal missierha li ghad ghandu proceduri kriminali pendenti kontrih.

Kien ikun ghaqli li kieku Lynette Portelli flok dahhlet fl-istorja lil missierha li kienet taf li bejn il-familja ta' Cini u taghhom kien hemm problemi fuq wirt, solviet il-problema billi stenniet lill-pulizija biex jaghmlu rapport dwar l-incident. L-istess ommha Rita Portelli titfa' l-porvli fuq in-nar bhal meta marret iggib l-arma tan-nar minn gewwa ghal zewgha.

Ma jfissirx ghaliex xhieda jixhdu kelma b'kelma kwazi l-istess dwar l-incident bhal kif xehdu Lynette Portelli, Rita Portelli u Joseph Portelli, il-Qorti temmen dik il-verzjoni jew inkella tiskarta xhieda ohra ghax ikun hemm certu diskrepanzi, dan anke wara li fliet ix-xhieda taghhom fid-dawl ta' dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[36] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda: *Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

Ix-xhud okkulari tal-incident Joseph Caruana li l-Qorti m'ghandhiex ghax tiddubita minnu ma jsemmi l-ebda turnavit li suppost kellu f'idu l-imputat Franky Cini, ix-xhud isemmi biss l-arma tan-nar li kellu f'idu Joseph Portelli.

[36] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Ghalkemm inghatat l-impressjoni lit-tobba, lill-pulizija u lill-Qorti li fl-incident intuza turnavit minn Franky Cini, il-Qorti ghandha d-dubji taghha li ezista tassew dan it-turnavit tant li ma nstabx u ma kienx prezentat fil-Qorti.

Il-Qorti ma temminx dak li qalet Lynette Portelli meta qalet li rat lil Cini *"gej bil-giri min-naha ta' wara tal-vettura b'turnavit f'idejh u* ***beda jaghtih f'dahru, ghonqu u rasu****"*, tghid li semghet lil Cini jghidlu *"noqtlok"* u imbaghad izzid li *"fl-ebda hin ma smajt hoss ta' sparatura"*. (Enfazi tal-Qorti)

Il-Qorti bl-applikazzjoni tas-sens komun u kif apprezzat il-provi migjuba ma tistax timmagina li persuna involuta f'argument jahraq bhal dan kieku uzat turnavit kienet se tikkaguna griehi hfief u superficjali bhal dawk fuq dahar Joseph Portelli. Il-griehi li kellu Portelli huma kollha kompatibbli ma' taqtiegha mal-art kif kien spjega kemm minn Joseph Caruana kif ukoll minn Franky Cini.

Il-*holster* tal-arma tan-nar misjub fil-vettura[37] registrata ghand Joseph Portelli[38] huwa kompatibbli mal-arma tan-nar uzata fl-incident, liema *holster* instab bejn is-seat u l-*floorboard* fil-vettura ta' Portelli. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-arma uzata kienet ghand Joseph Portelli qabel sehh l-incident li spicca kellu konsegwenzi serji hafna fuq sahhet l-imputat Franky Cini.

---

[37] Ford Escort FBG-872

[38] Xhieda ta' Saviour Farrugia moghtija fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2017

Fl-istqarrija rrilaxxata mill-imputat, tindika car illi l-element intenzjonali rikjest f'akkuza ta' reat ta' ferita gravi, hija mankanti, u dan peress illi l-imputat qatt ma kellu l-*mens rea* rikjesta sabiex huwa jista' jinstab hati tar-reat.

Illi l-imputat *a tempo vergine* fl-istqarrija jaghti spjegazzjoni cara u succinta tal-akkadut u li rega kkonferma meta ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda u jiddeponi bil-gurament tieghu quddiem din il-Qorti[39].

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-elementi rikjesti mill-ligi, sabiex tara jekk dak nvokat mid-difiza tal-legittima difesa ghandux bazi. Il-principju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Roseanne Debattista) vs Tony Curmi et***[40], fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

> *"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew*

[39] Seduta tal-31 ta' Mejju 2017
[40] 27 ta' Ġunju 2017, Kumpilazzjoni Nru 1366/2012 per Magistrat Consuelo Scerri Herrera

*jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjega* ***Antolisei*** *–*

*"occorre in fine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale."*

*Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg 261, insibu li*

*"pericolo attuale e' il pericolo presente."*

*[...]*

*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet*

*qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux bizzejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.*

*Fil-fatt kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:*

*"the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...]*

*[...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn*

*[...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u* errors of judgement."

Fil-kawza fl-ismijiet, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martina Galea,**[41] il-Qorti rreteniet illi"*… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Illi anke l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Salvu Psaila,**[42] inghad illi:-

> *(a) "Il-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:*
>
> *b) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill-impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b'l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;*
>
> *c) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li*

[41] 14 ta' Jannar 1986
[42] 9 ta' Novembru 1963

*d) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"feci sed jure feci" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)… irid ikun hemm proporzjonalita…"*

L-imputat ghalhekk la darba huwa agixxa sabiex jiddefendi ruhu, huwa qatt ma jista' jinstab hati tar-reat migjub kontrieh. Dan peress illi la darba gie ppruvat illi l-imputat agixxa b'dan il-mod sabiex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni ta' Joseph Portelli, minghajr l-intenzjoni illi jikkaguna ebda offiza jew hsara fuq il-persuna tieghu, allura ai termini tal-Artikolu 223 tal-Kap 9, ma sehh ebda reat: "M*a hemmx reat meta…l-offiza fuq il-persuna huma…mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u minnhom tilliberah.

Il-Qorti mhux se ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni kif dedotta minflok, wara li rat l-artikolu 328(d) u 11(1) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat Franky Cini ħati tar-reat kompriż u

involut ta' ħsara involontarja u tikkunndannah għall-ħtija tiegħu ta' dan ir-reat għall-piena ta' multa ta' hames mitt euro (€500).

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**